MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 151/1995/1

Peter Sciberras kemm f'ismu proprju, u
Kif ukoll bħala direttur u in rappreżentanza
tas-soċjeta' "Ganpet Limited".
vs
Iċ-Chairman,
Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma,

L-Uffiċjal Inkarigat għal Għawdex mill-
Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi:

Illi fl-elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) is-soċjeta' attriċi rċeviet mingħand il-Korporazzjoni TeleMalta appalt għal xogħol ta' formazzjoni ta' trinek f'diversi toroq f'Kercem, Għawdex.

Illi x-xogħol kollu ġie esegwit skond l-istruzzjonijiet mogħtija lis-soċjeta' attriċi mill-Korporazzoni TeleMalta.

Illi l-konvenuti qed jippretendu l-konsegwenza ta' dan ix-xogħol il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma sofriet ħsarat f'pipe tal-ilma. Fil-fatt pero', kif jista' jiġi ampjament ipprovat, kwalunkwe ħsarat li setgħet sofriet dik il-Korporazzjoni huma konsegwenza tan-nuqqasijiet ta' terzi.

Illi l-attur proprio et nomine dejjem ċaħad kwalsiasi responsabilita' u fil-fatt jidher ukoll li l-pretensjonijiet tal-konvenuti llum jinsabu preskritti.

Illi issa pero' l-attur proprio et nomine sar jaf illi l-Korporazzjoni konvenuta bi ħsiebha tinterrompi l-provvista tal-ilma fil-proprjeta' personali tiegħu jew tal-kumpanija minnu rapprezentata.

Illi dan l-aġir huwa wieħed abbużiv u jilledi l-jeddijiet tal-attur proprio et nomine.

Illi permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 67/1995 fl-ismijiet fuq imsemmija, il-konvenuti ġew mmuma milli jipproċedi b'xi interruzzjoni tal-provvista tal-ilma.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li interruzzjoni da parti tal-konvenuti tal-provvista tal-ilma minħabba l-pretensjoni rigwardanti l-esekuzzjoni tal-appalt fuq imsemmi tmur oltre l-poteri mogħtija lill-konvenuti, hija arbitrarja u llegali.

2. Konsegwentement tinibixxi lill-konvenuti milli personalment jew permezz ta' terzi jinterrompi l-provvista tal-ilma lil xi proprjeta' tal-attur proprio et nomine.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatoraja spedita fil-21 ta' Jannar 1995 u tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet numru 67/95.

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qiegħed jiġi nġunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur proprio et nomine kkonfermata bil-ġurament ta' Peter Sciberras.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi l-uffiċjal inkarigat għal Għawdex mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma m'għandux locus standi f'din il-kawża, stante li r-rapprezentanza ġuridika tal-Korporazjzoni hija vestita fic-Chairman;

2. Illi konsegwentement din il-Qorti hija nkompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża stante li l-istess Chairman ma jirrisjedix Għawdex jew Kemmuna imma jirrisjedi f'Malta;

3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, hija l-liġi stess li tattorizza lill-Korporazzjoni konvenuta li tissospendi l-provvista ta' l-ilma;

4. Illi, għalkemm fil-bidu tal-kwistjoni l-attur proprio ċaħad kwalsiasi responsabbilita' sussegwentement huwa ħallas lill-Korporazzjoni konvenuta parti mill-ammont minnha pretiż;

5. Illi l-preskrizzjoni estintiva ma tistax tingħata bħala premessa, imma tista' tinghata biss bħala eċċezzjoni;

6. Illi, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-attur ma indikax għal liema terminu ta' preskrizzjoni qiegħed jirreferi;

7. Illi, minghajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-preskrizzjoni ġiet interrotta;

8. Illi t-tieni talba ta' l-attur proprio et nomine, kieku kellha tiħi milqugħa kif defotta, tkun qegħda timponi obbligu mpossibbli fuq il-Korporazjzoni konvenuta;

9. Illi għahekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur proprio et nomine;
10. Salvi eċċezzjonijiet oħra, u slav kull azzjoni spettanti lill-Korporazjzoni konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti ikkonfermata bil-ġurament ta' Saviour Cini.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tat-18 ta' Marzu 2004 fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-*privilegium fori*.

Rat il-verbal tagħha tas-27 ta' Marzu 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-atturi.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża saret in segwitu għal mandat ta' inibizzjoni maħruġ fuq talba ta' l-atturi, fejn il-konvenuti ġew miżmuma milli jaqtgħu l-provvista ta' l-ilma lill-atturi fil-proprjetajiet tagħhom jew ta' kumpaniji tagħhom[1]. Ġara illi s-soċjeta' kummerċjali "Ganpet Limited" li tagħha l-attur huwa direttur kienet ingħatat appalt mill-allura korporazzjoni Telemalta sabiex tħaffer xi trinek għall-*cables* tat-*telephone* fir-raħal ta' Kercem. Wara li ġie esegwit dan ix-xogħol u, in konformita' ma' l-istruzzjonijiet mogħtija mill-istess korporazzjoni t-trinek li kienu ġew skavati ma' ġewx ripristinati għal kollox, billi kellhom jimtlew bit-*tarmac,* kien hemm xi ħsara f'pajpijiet ta' l-ilma proprjeta' tal-korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Din żammet lill-kumpanija ta' l-attur responsabbli għal dawn il-

[1] Mandat ta' Inibizzjoni nru . 67/1995 fl-istess ismijiet .

ħsarat u wissietu illi, jekk ma jagħmilx tajjeb għad-danni kkaġunati, kienet ser taqtagħlu l-provvista ta' l-ilma mill-proprjetajiet kollha tiegħu u tal-kumpaniji minnu ġestiti. L-attur proprio et nomine kkontesta din ir-responsabilita', ħlief għal xi ħaġa żgħira li kien pront iħallas.

Billi, kif ingħad, il-Qorti kienet laqgħet it-talba ta' l-attur proprio et nomine biex il-konvenuti jiġu miżmuma milli jesegwixxu t-twissija tagħhom li jaqtgħulu l-ilma, huwa pproċeda bil-kawża preżenti fejn talab lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti m'għandhom l-ebda dritt jissospendulu l-provvista ta' l-ilma f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Qabel pero' ma jiġi ttrattat il-mertu, hemm xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li jenħietu jiġu eżaminati.

L-ewwel waħda tirrigwarda l-*locus standi* tal-konvenut Uffiċċjal Inkarigat għal Għawdex mill-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-Ilma.  Il-konvenuti għandhom raġun jgħidu illi r-rappreżentanza ġuridika tal-Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-Ilma hija vestita fiċ-Chairman, u għalhekk sakemm l-attur mhux qed jallega illi dan l-uffiċjal ried jagħmel xi ħaġa kontra l-interessi tiegħu fil-vesti tiegħu personali, ħaħa li assolutament ma rriżultatx, ma kellux għalfejn jiġi mħarrek u għalhekk hemm lok li jiġi liberat *ab observazia*.

L-eċċezzjoni preliminari l-oħra tal-*privilegium fori* ġiet deċiża bis-sentenza *in parte* tagħha tat-18 ta' Marzu 2004.

Niġu issa għalhekk għall-mertu.  Il-konvenuti jsostnu illi l-liġi stess tawtorizża lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma li tissospendi l-provvista ta' l-ilma.  Imma kif tajjeb isostni l-attur fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, dan il-korporazzjoni tista' tagħmlu b'mod eċċezzjonali u biss f'ċirkostanzi speċifikati fil-liġi.  Infatti a tenur tar-regolamenti 30 sa 34 tar-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' l-Ilma maħruġa taħt il-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta (Leġislazzjoni Sussidjarja 423.03) dan jista' jsir biss:

1. meta ma jitħallasx xi kont ta' l-ilma (reg. 30);

2. meta ma jiġix mogħti d-depożitu rikjest qabel ma jsiru xi xogħlijiet mill-Korporazzjoni (reg. 7 u reg. 30);
3. meta ssir xi ħsara fis-siġilli ta' arloġġ imqiegħed f'bini jew ħsara lil xi komunikazzjoni fl-istess bini (reg. 32);
4. meta l-użu ta' l-ilma jsir għal għanijiet oħra (reg. 33); u
5. meta l-fornitura ta' l-ilma tkun għall-użu fil-ġonna u f'garraxxijiet (reg. 34).

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-unika ċirkostanza li tirreferi għal ħsara lil xi komunikazzjoni ta' l-ilma (u ċioe' r-regolament numru 32) mhux applikabbli għal każ in eżami. Hawnhekk m'għandniex każ ta' ħsara volontarja jew involontarja minn konsumatur fil-komunikazzjoni li għandu f'bini tiegħu għall-provvista ta' l-ilma mill-korporazzjoni. Il-ħsara li qed tiġi allegata li saret ma ġietx ikkaġunata mill-attur proprio jew nomine fil-bini tiegħu, imma waqt li kumpanija tiegħu kienet qed twettaq xogħol ta' appalt fit-toroq, sitwazzjoni li bl-ebda mod ma ġiet kontemplata f'dawn ir-regolamenti. Wisq inqas għalhekk hija ġustifikata din it-twissija li tiġi sospiża l-provvista ta' l-ilma fil-bini ta' l-attur proprio, meta l-appalt ma ġiex esegwit minnu imma minn soċjeta' kummerċjali b'personalia' ġuridika għal kollox distinta minn tiegħu.

Fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża l-kontendenti daħlu fil-kwistjoni tar-responsabilita' o meno tas-soċjeta' "Ganpet Limited" għall-ħsarat allegatament ikkagunati. Imma żgur li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fil-mertu ta' min kien responsabbli għal dak li ġara f'din il-kawża, meta t-talbiet huma limitati għall-kwistjoni jekk il-korporazzjoni tistax tissospendi s-servizz ta' l-ilma lill-attur minħabba dak li ġara.

Għall-istess raġuni mhux il-każ li tiġi diskussa xi preskrizzjoni ta' xi azzjoni għad-danni li tista' tieħu l-korporazzjoni f'dan ir-rigward.

Rigward it-tmien eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens li jekk jintlaqgħu t-talbiet attriċi, l-Qorti tkun qed timponi obbligu impossibbli fuq il-korporazzjoni, il-konvenuti ma jistax

ikollhom raġun. Dan għaliex il-liġi tippermetti biss is-sospensjoni ta' l-ilma fiċ-ċirkostanzi previsti fir-regolamenti hawn ċċitati, u għalhekk kien ikollhom raġun il-konvenuti jippretendu illi m'għandhomx jiġu miżmuma milli jagħmlu hekk, li kieku seħħet xi waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija f'dawk ir-regolamenti. Imma rriżulta ampjament li dawn mhux applikabbli għall-każ in eżami, fejn mhux qed jiġi allegat illi l-ħsarat ġew ikkaġunati minn konsumatur fil-komunikazzjoni ta' l-ilma li għandu fil-bini tiegħu.

Għaldaqstant m'għandha l-ebda ġustifikazjoni fil-liġi l-korporazzjoni tas-Sevizzi ta' l-Ilma li tissospendi l-provvista ta' l-ilma lill-attur proprio et nomine fiċ-ċirkostanzi kontemplati f'dan il-każ u konsegwentement it-talbiet ta' l-attur proprio et nomine sa fejn huma diretti liċ-Chairman tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma jimmeritaw konferma.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' *locus standi* fil-kawża ta' l-Uffiċċjal inkarigat għal Għawdex mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi kontra l-attur proprio et nomine, u filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra, tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvent l-ieħor u:

1. tiddikjara li l-interruzzjoni da parti ta' l-istess konvenut tal-provvista ta' l-ilma minħabba l-pretensjoni rigwardanti l-esekuzzjoni tal-appalt imsemmi fiċ-ċitazzjoni, jmur oltre l-poteri mogħtija lilu, u għalhekk hija arbitrarja u llegali;

2. konsegwentement tinibixxi lill-istess konvenut milli personalment jew permezz ta' terzi jinterrompi l-provvista ta' l-ilma f'xi proprjeta' ta' l-attur proprio et nomine, minħabba xi ħsara li setgħet ġrat fl-esekuzzjoni ta' l-appalt imsemmi.

Bil-bqija ta' l-ispejjeż kontra l-konvenut Chairman tal-Korporazzjoni għas-Sevizzi ta' l-Ilma.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------